

Brussell, 18 ta' Settembru 2026
(OR. en)

Fajl Interistituzzjonali:
2026/0283 (NLE)

13391/26
ADD 1

UK 187
COMPET 1089
IND 553
MI 903
RECH 369
ENV 1099
ENT 228
FOOD 123
SAN 663

NOTA TA' TRAŻMISSJONI

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	18 ta' Settembru 2026
lil:	Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2026) 487 annex
Suġġett:	ANNESS tal- Proposta għal DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL li tistabbilixxi l-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fi ħdan il-Kumitat Konġunt stabbilit mill-Ftehim dwar il-ħruġ tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq mill-Unjoni Ewropea u mill-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika fir-rigward tal-adozzjoni ta' deċiżjoni li żżid att tal-Unjoni li għadu kif ġie adottat mal-Anness 2 tal-Qafas ta' Windsor

Id-delegazzjonijiet isibu meħmuż id-dokument COM(2026) 487 annex.

Mehmuż: COM(2026) 487 annex



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 18.9.2026
COM(2026) 487 final

ANNEX

ANNESS

tal-

Proposta għal DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

li tistabbilixxi l-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fi ħdan il-Komitat Konġunt stabbilit mill-Ftehim dwar il-ħruġ tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq mill-Unjoni Ewropea u mill-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika fir-rigward tal-adozzjoni ta' deċiżjoni li żżid att tal-Unjoni li għadu kif ġie adottat mal-Anness 2 tal-Qafas ta' Windsor

ABBOZZ

DEĊIŻJONI NRU .../2026 TAL-KUMITAT KONĠUNT STABBILIT MILL-FTEHIM DWAR IL-ĦRUĠ TAR-RENJU UNIT TAL-GRAN BRITTANJA U L-IRLANDA TA' FUQ MILL-UNJONI EWROPEA U MILL-KOMUNITÀ EWROPEA TAL-ENERĠIJA ATOMIKA

ta' ...

li żżid att tal-Unjoni li għadu kif ġie adottat mal-Anness 2 tal-Qafas ta' Windsor

IL-KUMITAT KONĠUNT,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar il-ħruġ tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq mill-Unjoni Ewropea u mill-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika¹ (il-“Ftehim dwar il-Ħruġ”), u b’mod partikolari l-Artikolu 13(4) tal-Qafas ta' Windsor²,

Billi:

- (1) L-Artikolu 13(4) tal-Qafas ta' Windsor jagħti s-setgħa lill-Kumitat Konġunt stabbilit skont l-Artikolu 164(1) tal-Ftehim dwar il-Ħruġ (il-“Kumitat Konġunt”) jadotta deċiżjonijiet li jżidu atti tal-Unjoni li jkunu għadhom kif ġew adottati li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Qafas ta' Windsor mal-Annessi rilevanti tal-Qafas ta' Windsor.
- (2) Skont l-Artikolu 166(2) tal-Ftehim dwar il-Ħruġ, id-deċiżjonijiet adottati mill-Kumitat Konġunt huma vinkolanti għall-Unjoni u għar-Renju Unit. L-Unjoni u r-Renju Unit għandhom jimplimentaw tali deċiżjonijiet, li jkollhom l-istess effetti legali tal-Ftehim dwar il-Ħruġ.
- (3) Ir-Regolament (UE) 2025/2455 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill³ huwa att tal-Unjoni li għadu kif ġie adottat li jaqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Qafas ta' Windsor li jenħtieġ li jiżdied mal-Anness 2 tal-Qafas ta' Windsor. Madankollu,

¹ ĠU L 29, 31.1.2020, p. 7, ELI: http://data.europa.eu/eli/treaty/withd_2020/sign.

² Id-Dikjarazzjoni Konġunta Nru 1/2023 tal-Unjoni u tar-Renju Unit fil-Kumitat Konġunt stabbilit mill-Ftehim dwar il-ħruġ tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq mill-Unjoni Ewropea u mill-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika tal-24 ta' Marzu 2023 (ĠU L 102, 17.4.2023, p. 87).

³ Ir-Regolament (UE) 2025/2455 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Novembru 2025 li jistabbilixxi pjattaforma komuni tad-data dwar is-sustanzi kimiċi, li jistabbilixxi regoli biex jiġi żgurat li d-data li tinsab fiha tkun traċċabbli, aċċessibbli, interoperabbli u riutilizzabbli u li jistabbilixxi qafas ta' monitoraġġ u prospettiva għas-sustanzi kimiċi (ĠU L, 2025/2455, 12.12.2025, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2025/2455/oj>).

jenħtieġ li d-dispożizzjonijiet li ġejjin tar-Regolament (UE) 2025/2455 ma jiżdidux mal-Anness 2 tal-Qafas ta' Windsor: l-Artikolu 25; il-punti 1–2, 5–6, 8, 20, 22–23, 27–31, 38, 43–45, 52–53, 59 u 66–67 tal-Anness I; il-punti 3, 8, 10, 12, 14, 25, 29 u 32 tal-Anness III; il-kampijiet tad-data fl-Anness IV relatati ma' daww il-punti preċedenti elenkati fir-rigward tal-Annessi I u III; u l-punt 2 tal-Anness V għar-Regolament (UE) 2025/2455.

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Ir-Regolament (UE) 2025/2455 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Novembru 2025 li jistabbilixxi pjattaforma komuni tad-data dwar is-sustanzi kimiċi, li jistabbilixxi regoli biex jiġi żgurat li d-data li tinsab fiha tkun traċċabbli, aċċessibbli, interoperabbli u riutilizzabbli u li jistabbilixxi qafas ta' monitoraġġ u prospettiva għas-sustanzi kimiċi, bl-eċċezzjoni tal-Artikolu 25 u l-punti 1–2, 5–6, 8, 20, 22–23, 27–31, 38, 43–45, 52–53, 59 u 66–67 tal-Anness I, il-punti 3, 8, 10, 12, 14, 25, 29 u 32 tal-Anness III, il-kampijiet tad-data fl-Anness IV relatati ma' daww il-punti preċedenti elenkati fir-rigward tal-Annessi I u III, u l-punt 2 tal-Anness V tiegħu, għandhom jiżdiedu mal-Anness 2 tal-Qafas ta' Windsor taħt il-punt 23 "Kimiċi u relatati".

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum wara d-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi ...,

Għall-Kumitat Konġunt

Il-Kopresidenti